MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 78/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Neil Harrison)**

**Versus**

**Jason Xuereb**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Xuereb ta' 23 sena iben Romeo u mary nee Borg, imwieled il-Piet' fl-1 ta' Jannar 1979 residenti numru 1 Matluwa Lane Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 347179 (M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fil-21 t'April 2003 u matul la-ħħar għaxar xhur qabel din id-data b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess

dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:

a) Kellu fil-pussess tiegħu mediċina risretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat, ***liema droga nstabet f'ċerti ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu tiegħu.***
b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) kellu wkoll fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bis ksur tal-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta

**Aggravju**

e) ikkommetta dawn ir-reati ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.[1]

2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-kap 9.

3. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-fedina penali tal-imputat (fol.3), l-ordnijiet tal-Avukat Ġenerali (fol 4 u 5), il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Antonio Mizzi ntitolat 'Sejba ta' pilloli ecstasy fil-karozza tal-marka VW Golf bin-numru tar-reġistrazzjoni LCB 128 fil-21 t'April 2003, il-proces-verbal redatt mill-Maġistrat Dr.Antonio Mizzi ntitolat 'Xhieda ta' Jason Xuereb skond l-artikolu 24(A)(12)(13) tal-Kap 101 fit-23 t'April 2004, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jiġib in-numru 3471 tal-1979, il-konferma tal-esperti maħtura matul l-inkjesta, ir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud a fol.56, il-ħatra tal-Perit Richard Aquilina sabiex jikkonstata d-distanza minħabba l-proviso (fol.97), id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101.(Gol.151) u l-Graduation Diploma (Dok GCC).

4. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

[1] Miżjuda mill-Prosekuzzjoni – verbal a fol.39 11 ta' Ġunju 2003

Il-Fatti.

6. Fil-21 t'April 2003, il-Pulizija kienu ħdejn il-Mileend stadium fejn osservaw Volswagen Golf Cabrio LCB 128. Fiha kien hemm l-imputat li malli avviċinawh il-Pulizija u identifikaw ruħhom l-imputat qbad borża tal-karti żgħira bejn is-seats ta' quddiem tal-vettura.

7. Fil-borża kien hemm żewġ plastic bags, żewġ boroż oħra tal-plastik li kien jidher li kien fihom ammont ta' pilloli suspettati ecstasy. Kien hemm madwar 150 ecstasy. Ftit wara saret tfittxija fir-residenza tal-imputat (fol fejnn isntabu erba' biċċiet raża tal-cannabis u xi traċċi tal-kokaina fuq platt fost affarijiet oħra. (fol 44). Kienu esbiti wkoll xi flus li kienu elevate mill-kamra tal-imputat. Kien esibit ukoll mobile phone li nstab fuq l-imputat kif ukoll żewġ djarji li kienu elevati mill-kamra tas-sodda.

**L-Istqarrija tal-Imputat**

8. A fol.25 l-imputat stqarr li kienu għadu kif xtara l-150 pillola Lm3 l-waħda. Kienu nxtraw bid-dejn. L-imputat kien ser ibiegħhom Lm4 jew Lm3.50 kull waħda. Kienet l-ewwel darba li xtara f'dak l-ammont. Il-kokaina kienx xtraha xi tlitt ijiem qabel u kienet ilha għandu xi sena u nofs. Kokaina kien biegħ rarament(fol.27).

9. Mill-eżami forensiku jirriżulta li kienu nstabu għand l-imputat 30.524 grammi THC, 150 pilloli ecstasy, u traċċi tal-kokaina fid-dokument 03 ABH 03.

10. Xehed PC 1099 Charles Farrugia. Dan qal li kienu waqqfu lill-imputat ħdejn il-Milelend. Bejn is-seats tal-karozza tiegħu kien hemm borża tal-karti li ġo fiha kein hemm żewġ boroż tal-palstic oħra bil-pilloli suspettati ecstasy. Huwa qal ukoll (fol92) li kien jagħraf l-oġġetti fir-ritratti. Il-pilloli kienu f'żewġ boroż ġo borża tal-karti.

11. PS 516 Alfio Borg ippreżenta 17-il ritratt tal-esibitit li kien ħa wara li ngħata l-inkarigu mill-Maġistrat Antonio Mizzi.

12. PS 536 Jason Caruana ikkonferma li l-oġġetti fotografati kienu kollha preżenti meta kienu elevati.

13. PC 213 Nicolai Borg ukoll ikkonferma r-ritratti. (fol.94).

14. Il-Perit Richard Aquilina ikkonferma li d-distanza fejn instab l-imputat kienet anqas minn mitt metru bogħod mill-iskola Marija Regina. (Fol.103).

15. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fis-26 ta' Settembru 2005. (Fol.101).

**Difiża**

16. Xehdet il-Probation Officer Maryanne Zammit (fol.119) li qalet li l-imputat tgħallem mill-iżbell li għamel. Kull ġimgħa jattendi għall-gruppi fejn ikun hemm rapporti soddifaċenti. Mir-rapporti tal-Caritas jidher li l-imputat huwa clean. Din xehdet darbtejn – fl-14 ta' Diċembru 2006 u fit-12 ta' Marzu 2007. Fit-tieni rapport ikkonfermat il-progress li kien għamel l-imputat.

17. F'rapport dettaljat u mħejji b'reqqa kbira l-Probation Officer ikkommettat favorevolment fuq l-isfond familjari tal-imputat u li rnexxielu jistabilixxi ruħu fix-xogħol.

18. Effettivament xehed ukoll is-Supretendent Raymond D'Anastas li qal li meta jkollu bżonn ta' xogħol tal-elettriku fid-dar iqabbad lill-imputat. Ix-xhud qal li ienu ilu jaf lill-imputat mis-sena 2005. Bħala karattru l-imputat hu naqra mistħi.

19. Xehed ukoll Jean Cali', rappreżentant tal-Caritas, li qal li l-imputat dejjem kine qed jinstab clean u li dejjem iżomm l-appuntamenti. (fol.149).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

20. Minħabba li l-imputat instab b'150 ecstasy fuqu barra t-triq u minħabba li hu stess stqarr li kien ser jipprova

jbiegħhom, il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-ewwel imputazzjoni. Oltre dan l-ammont ta' ecstay waħdu jindika lid an il-pussess ma kienx intiż għall-użu personali tal-imputat.

21. Minħabba li l-imputat stqarr hu stess li kien biegħ il-kokaina xi erba' xhur qabel ma kien arrestat, isegwi li t-tieni imputazzjoni hija ippruvata.

22. It-tielet imputazzjoni hija ppruvata wkoll għax instabi t-traċċi tal-kokaina għand l-imputat u hu kien ibeigħha. Din l-imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni.

23. Dwar ir-raba' imputazzjoni din hija ppruvata wkoll kemm għax kienet elevata l-cannabis mid-dar tal-imputat kif ukoll għaliex fil-proċess hemm il-prova forensika.

24. Dwar l-aggravju, dan kien ippruvat mir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina. Id-difiża ssottomettiet li f'dak il-ħin l-iskola kienet magħluqa u għalhekk l-aggravju m'għandux ikun applikat. Dwar dan diġa' kein hemm deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri li l-aggravju – f'dan il-każ ta' skola – jgħodd anke l-Ħadd. Il-Qorti ssib li din is-sentenza timxi mal-kelma u mal-ispirtu tal-proviso. Imkien fil-proviso m'hemm xi indikazzjonijiet ta' ħinijiet jew jiem. Lanqas ma tidher fil-proviso xi referenza għal xi ħtieġa ta' xi intenzjoni speċifika – jiġifieri li wieħed ikun jaf jew deliberatament mar – ħdejn skola. Il-proviso huwa redatt f'termini assoluti u interpretazzjoni flessibbli tmur kontra l-ispina dorsali tal-Kapi 31 u 101 li huma intiżi biex ikunu ta' deterrent għal minn jipprova jazzarda jittraffika d-droga. Għaldaqstant is-sottomissjoni tad-difiża hija respinta.

## Konklużjoni

25. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b),17(h) u 18 tal-Kap 9, ir-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 22 tal-1985 kif ukoll l-artikoli 40A, 120A(1)(a) 120A(2)(b)(i), 120A(IB), 120A(2B) – li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101- u l-aggravju li jidher taħt l-artikolu 120A(2)(b)(i)(ii) u li jirreferi għad-distanza (it-tieni proviso), kollha tal-tal-Kap 31; it-

Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ)(d) u l-aggravju tad-distanza b'referenza għall-ewwel imputazzjoni b'dan pero' li t-tielet imputazzjoni (ċ) hija assorbit fit-tieni imputazzjoni (b).

26. Dwar il-piena l-Qorti qed tikkonsidra dawn l-elementi:

Mil-lat negattiv

(a) Li numru ta' pilloli huwa wieħed konsiderevoli;

(b) Li sar l-bejgħ tal-kokaina u dan sar aktar minn darba u l-fatt li kien 'qadi tal-ħbieb' ma jnaqqas xejn mill-ħtija;

(ċ) Li l-ammont tal-cannabis ma kienx wieħed negliġibbli (30.524 grammi)

(d) Li wieħed mir-reati jġorr l-aggravjutad-distanza.

Mil-lat pożittiv

(a) Li l-imputat għen lill-Pulizija u għandu jibbenefika mill-artikolu 120A(2B) tal-Kap 31 – li jikkorrispondi għall-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi.

(b) Li għamel progress enormi minn meta kien arrestat mill-Pulizija kif juri r-rapporti kemm tla-Probation Officer kif ukoll ta' Uffiċjali oħra li telgħu jixhdu.

27. Għaldaqstant, il-Qorti, waqt li qed tapplika wkoll l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal erbgħa u għoxrin xahar priġunerija li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventive u għall-ħlas ta' multa ta' €2000 liema multa tista' titħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-zahar. Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma tiħallasx xi parti minn din il-multa, allura din il-parti tinbidel f'jum priġuenrija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

28. Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 dwar l-esperti maħtura matul l-inkjesta għaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta' Jannar 2006 iżda qed tapplikah fil-każ tar-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina għaliex dan inħatar matul il-proċeduri u għalhekk tikkundanna lill-imputat iħallas iss-mma ta' €102.79 (Lm44.13).

29. Il-Qorti qed tordna li jingħataw lura l-flus li kienu nġabru minn għand l-imputat minħabba li ma kienx ippruvat b'mod ċar li dawn kellhom x'jaqsmu ma' bejgħ tad-droga. Dawn il-flus jistgħu jitpaċċew ma' parti mill-multa.

30. Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorvelajanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------